MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Numru. 909/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**CHAROLT DESIRA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charolt Desira ta' 27 sena iben Anthony u Felicia nee' Scicluna, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Mejju, 1983, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 324983M u residenti numru 60, Sqaq Lajri, Zabbar:

Gie akkuzat talli fit-3 ta’ Awwissu 2010 ghall-habta ta’ 20:15hrs, gewwa Misrah is-Sliem, Zabbar hebb ghall-Darren Psaila detentur tal-karta tal-identita bin-numru

171376M u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond ma iccertifika Dr. N. Aquilina Tal-Isptar St. James;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 17 ta' Dicembru, 2012.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li f'dan il-kaz jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile u li l-imputat agixxa f'eccess ta' legittima difesa kagun ta' biza inkwantu ghalih u ghal uliedu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 214, 215, 216, 218, 338(dd) u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Charlot Desira, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Charolt Desira taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'

Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-konfiska tal-oggett (hadida) esebita bhala Dok. FF3.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Charolt Desira b'obbligazzjoni personali ta' elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Darren Psaila u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Charolt Desira l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------